2026/1201

5.6.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1201

## tal-4 ta' Ġunju 2026

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093 ([1]) li stabbiliet miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova.

(2) Il-konsenja ta' ċertu tagħmir lill-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova qed tesperjenza dewmien u mhux ser titlesta qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093. Għaldaqstant, jenħtieġ li dak il-perjodu jiġi estiż bi 12-il xahar ulterjuri sat-12 ta' Diċembru 2027.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 60 xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ewwel kuntratt bejn l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza, li jaġixxi bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 32(2), il-punt (a), tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.".

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ġunju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. FITIRIS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1093 tat-30 ta' Ġunju 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1093/oj).